

A b b o z z

DIGRIET TA' IMPLIMENTAZZJONI

tal-Ministeru tal-Finanzi tar-Repubblika Slovakka

ta' 2024

li jemenda d-Digriet tal-Ministeru tal-Finanzi tar-Repubblika Slovakka Nru 252/2014 li jistipula d-dettalji, l-eżekuzzjoni u l-prezz tal-bolol tas-sisa maħsuba għall-immarrkar tal-imballaġġ tal-ispirti għall-konsumatur

Skont § 51(10) tal-Att Nru 530/2011 dwar id-dazju tas-sisa fuq ix-xorb alkoħoliku, kif emendat bl-Att Nru 362/2013, il-Ministeru tal-Finanzi tar-Repubblika Slovakka jistabbilixxi:

Artikolu I

Id-Digriet tal-Ministeru tal-Finanzi tar-Repubblika Slovakka Nru 252/2014 li jistipula d-dettalji, l-eżekuzzjoni u l-prezz tal-bolol tas-sisa maħsuba għall-immarrkar tal-imballaġġ tal-ispirti għall-konsumatur huwa emendat kif ġej:

1. § 1(2) jaqra kif ġej:

“(2) Bolla tas-sisa hija maħsuba għall-immarrkar tal-imballaġġ tal-ispirti għall-konsumatur¹⁾ u għandha dimensjonijiet f'millimetri ta' 16 x 55, 16 x 90, 16 x 150 jew 16 x 210.”.

2. In-nota 2 f'qiegħ il-paġna taqra kif ġej:

“(2) Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (kodifikazzjoni) (ĠU L 241, 17.9.2015).”.

Artikolu II

Dan id-Digriet għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2024.

Ladislav Kamenický
Ministru tal-Finanzi tar-Repubblika Slovakka